# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgħa 5 ta' Ġunju, 2024

**Kawża Nru. 17**

**Rik. Nru.785/2008 ISB**

**Avukat Dr. Henri Mizzi (numru tal-karta ta' l-identità 143465M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera DAMKJAER INTERNATIONAL A/S (numru ta' reġistrazzjoni 18033070)**

**Vs**

**Dr Kevan Azzopardi uffiċjal riċevitur li ġie nominat bħala stralċjarju ta' Robert Damkjaer (Malta) Limited (C30652) b'sentenza tal-1 ta' Novembru 2012 u b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2014 il-Qorti ordnat lil Mark Ellul Sullivan, Caroline Hayes u Ikebana Holdings Limited sabiex jintervjeni fil-kawża.**

**Il-Qorti,**

Rat il-provvediment li permezz tiegħu l-kumpanija Robert Damkjaer (Malta) Limited (C 30652) kienet dikjarata xjolta minn din il-Qorti, diversament preseduta, fl-1 ta' Novembru 2012, u fejn kien ordnat l-istralċ tagħha.

Rat l-atti kollha tal-proċediment ta' stralċ, inklużi l-verbali tal-udjenzi kollha li saru, l-informazzjoni mgħoddija minn żmien għal żmien mir-riċevitur uffiċjali kif evidenzjat mill-verbali tas-seduti miżmuma u kif ukoll mir-rapporti preliminari minnu mħejjija u ppreżentati.

Rat l-aħħar rapport minnu mħejji minn fejn jirriżulta illi l-attiv tal-kumpanija xjolta kif irnexxielu jiġbor u jirkupra l-istess riċevitur uffiċjali jammonta għal total ta' elf, sitt mija u sitta u ħamsin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€1,656.56).

Rat illi l-istess stralċjarju talab illi l-pjan ta' gradwazzjoni minnu mħejji u kif dikjarat fin-nota tiegħu tas-6 ta' Marzu 2024 jkun approvat għal finijiet ta' skema ta' distribuzzjoni, anke jekk in vista tad-digriet mogħti aktar kmieni llum stess waqt din l-udjenza, bir-remunerazzjoni dovuta lill-istess riċevitur uffiċjali jirriżulta illi mhux ser ikun hemm bilanċ la darba jitħallas hu.

Tiddikjara ruħha sodisfatta li l-istralċjarju osserva l-ħtiġijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tqis li sar minn kollox min-naħa tal-istralċjarju sabiex jaqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tiegħu skont il-liġi.

Tqis illi ma hemm xejn aktar raġjonevolment x'isir u b'hekk jista' jingħata l-provvediment finali.

Tqis li l-affarijiet tal-kumpanija huma stralċjati.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mħarsa l-ħtiġijiet kollha tal-liġi, qed tgħaddi biex:

1. **Tapprova** l-pjan ta' gradwazzjoni tad-djun tal-kumpanija **Robert Damkjaer (Malta) Limited (C 30652)** kif dikjarat fin-nota tar-Riċevitur Ufficjali tas-6 ta' Marzu 2024, inkluż mill-ħlas tar-remunerazzjoni lilu dovuta kif degretat aktar kmieni llum f'dawn l-istess proċeduri.

2. **Teħles** lill-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

3. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Reġistratur tal-Kumpaniji avviz tal-ħelsien tal-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

4. **Tordna** li l-isem tal-kumpanija **Robert Damkjaer (Malta) Limited (C 30652)** jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji b'effett mil-lum.

5. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum jibgħat lir-Reġistratur tal-Kumpaniji l-ordni ta' tħassir tal-kumpanija **Robert Damkjaer (Malta) Limited (C 30652)**.

6. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iħares dik l-ordni.

7. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju għandhom jitħallsu mill-kumpanija intimata.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**